# Il-Bidwi u l-Qbiela

Kitba ta' Joseph Schembri

Fiż-żminijiet l-imgħoddija l-artijiet kollha kienu okkupati f'idejn in-nies għonja li kien hawn Malta - bħal Barunijiet, Kontijiet u Markiżi. Uħud mir-raba' ta' madwar Is-Siġġiewi, insibuh imsemmi għalihom bħal Ta' Manduca, Ta' Bordin, Tal-Konti, Tal-familja Ciantar (Ġebel Ciantar) u xi oħrajn. Waħda mir-raġunijiet l-għala kienu jqabblu r-raba' tagħhom lill-bdiewa kienet biex jeħilsu minn kull intrigu żejjed, u ma joqogħdux jaħsbu x'sa jiżirgħu jew iħawlu jew għal xi ħaġa oħra.

Xi wħud mis-sinjuri kienu jqabblu r-raba' tagħhom lill-bdiewa, filwaqt li oħrajn kienu jiftiehmu nofs bin-nofs, jiġifieri, nofs il-wiċċ tal-prodott għas-sid u n-nofs l-ieħor għall-bidwi.

Fis-sena 1870 il-Gvern kien ta b'ċens lil 370 bidwi, raba' li jammonta għal 11,200 tomna. Fejn kien wella dan ir-raba' l-Gvern ordna li jtella' pilastru żgħir tal-ġebel. Insibu wkoll li l-Knisja f'Malta kienet tat ir-raba' lill-bdiewa bi qbiela.

Is-sinjur, meta kien iqabbel l-art lill-bidwi, kien iżommlu ċerti kundizzjonijiet. L-art kienet tiġi mqabbla għall-perijodu bejn erba' u tmien snin; li jrid jerfa' l-ħitan tas-sejjieħ li jkunu waqgħu inqas minn qasba. Irid jirranġa fejn ikun hemm bżonn.[1] Il-qbiela titħallas darbtejn fis-sena - fil-Milied u fl-Għid jew f'Santa Marija u fil-Milied. Kellu l-obbligu wkoll li jagħti xi rigal lis-sinjur bħal xi ħasi, serduk, ħaruf jew xi fenek. Meta kien jasal żmien il-ħlas tal-qbiela l-bidwi kien jitlob lil martu biex tmur id-dar (kamra speċjali fejn kien jabita, fejn jerfa' l-affarijiet) tiftaħ is-senduq u ġġiblu l-"kontier" u l-flus u bixkilla b'xi tużżana jew tnejn bajd frisk, jew inkella xi ġbejniet friski. Min-naħa tiegħu l-bidwi jibda jilbes il-ħwejjeġ, flokk tal-flanella, u qalziet ta' taħt abjad twil, qmis u sidrija u qalziet tal-bergula (qalziet iswed biex ibiddel bih) u bit-terħa biex iżommlu l-qalziet, u fl-aħħar jekk ikun il-bard u l-ksieħ, jilbes il-kapott bil-barnuża, għal-lqugħ il-bard. Meta jkun sejjer, jarma l-ħmara jew il-bagħal u erħilu sejjer ċeklem ċeklem lejn l-Imdina jew Tas-Sliema. (Darba wieħed bidwi waqt li kien għaddej minn ħdejn xatt il-baħar il-ħmara li kellu beżgħet mill-gawwi li kien qed jittajjar fuq wiċċ il-baħar!) Meta kien jasal il-bidwi ħdejn dar is-sinjur, iħalli l-ħmara jew il-bagħal mal-ġenb tad-dar. Iħabbat il-bieb u x'aktarx kienet tiġi mart is-sinjur tiftaħ il-bieb. "Bonġu," u hi ttennilu, "Bonġu u x'ġiebek hawn". "Għas-Sinjur biex inħallas il-qbiela." meta l-bidwi ma jkollux jagħti xi rigal mal-flus - kien jeħdilhom xi bajd frisk, allura martu kienet tgħidlu, "kieku tajtni mitt lira ma kontx nieħu pjaċir daqshekk." Il-bidwi jidħol fejn is-sinjur u jnewwillu l-kontier, iħallas, u jiġi rringrazzjat. Il-bidwi joħroġ ferħan, u erħilu sejjer lejn ir-razzett kuntent.

Ġieli ġew xi annati, żmien ilu mhux ħażin meta s-sena kienet tkun ħażina, bħal meta x-xita ma tkunx għamlet biżżejjed jew inkella tkun għamlet xi maltempata kbira li tkun qerdet l-uċuħ tar-raba'. Il-bidwi ma jkun biegħ xejn, allura ma jkunx jista' jħallas il-qbiela, u s-sinjur kien iżommlu nofs il-qbiela. Dawn iż-żminijiet irid iħallas il-qbiela kollha!

Żmien ilu, ġieli nqalgħu xi kwistjonijiet bejn is-sinjur u l-bidwi, bħal meta s-sinjur ipprova jgħolli l-qbiela, tiġdid ta' ċnus li jkunu waslu biex jagħlqu, il-bidwi kien jikkonfondi ħafna li jagħmel xi benefikati fir-raba' li għandu mqabbel lilu, u wara jista' jgawdi l-frott tal-ħidma tiegħu (iħawwel siġar tal-frott, iħafer xi bjar, jirranġa l-għelieqi, il-ħitan tas-sejjieħ iżommhom f'kundizzjoni tajba, u ma jħallix ħamrija tintilef, eċċ) Allura d-Dipartiment tal-Biedja snin ilu waqqaf Bord li jikkonsisti f'*chairman*, membru legali, u membru tekniku li jkun perit. Il-laqgħat kienu jsiru fil-Qorti Superjuri fl-Awla tal-Bord tal-Kera. Dan il-Bord kien ta' interess għas-sidien u għall-bdiewa. Qiegħed hemm biex jara li ssir ġustizzja bejn is-sid u l-bidwi, safejn għandu x'jaqsam jew mal-għoli tal-qbiela jew għall-iżgumbramenti mir-raba', jew irziezet.[2]

Riferenzi:

(1) Ara "L-istorja ta'Malta u Għawdex bil-Gżejjer Tagħha" ta' Pietru Pawl Castagna.

(2) Rivista "Il-Bidwi" - Jannar 1962.